MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 211/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Albert Cilia**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Albert Cilia talli fit-18 ta’ Marzu 2007 ghall-habta ta’ 12.30pm fi Triq Regonali, Santa Venera saq vettura nru LCL-348 u b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’ nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma’ vettura nru IAO-231 u involontarjament ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta’ Antonio Brincat;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta’ Mejju, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-

imsemmi Albert Clia hati skond l-imputazzjoni u kkundannatu multa ta' hamsin lira (Lm50);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Albert Cilia, minnu prezentat fit-30 ta' Mejju 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta' Settembru 2007; ikkunsidrat:

L-appellant jikkontendi li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u li, konsegwentement, sabitu hati erroneament peress li hu ma kien b'ebda mod responsabbli ghall-habta bejn il-mutur li kien qed isuq u l-karozza ta' Brincat.

Kif inhu risaput, din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti u bhala regola tintervjeni biss meta hija tkun tal-fehma li dik il-qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. Issa dan hu proprju kaz fejn din il-Qorti tara li l-ewwel qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Il-vettura IAO-231 misjuqa minn Brincat kienet nizlet ir-rampa li minn hdejn ir-*roundabout* ta' fejn l-isptar St. Philip f'Santa Venera taghti ghat-Triq Regjonali fid-direzzjoni ta' Hal-Qormi. Brincat jghid li huwa waqaf fuq l-i*stop sign* u ma ra xejn gej minn warajh (jigfieri mid-direzzjoni tal-Imsida ghal Hal-Qormi) meta huwa hares mill-mera u anke dar u hares lura. Huwa ghalhekk hareg ghal fuq Triq Regjonali u kwazi mill-ewwel mar ghal fuq il-*lane* ta' barra. Brincat jghid ukoll li kien ga qabad il-*lane* ta' barra meta mill-mera ra d-dawl, li dak il-hin lanqas induna li kien ta' mutur, gej b'velocita`, sema hoss u ghamel manuvra biex jevita habta li huwa anticipa li ser ikun hemm, izda xorta wahda sehhet il-kollizjoni. Jammetti li f'ebda hin ma uza l-*indicators*. L-appellant, invece, ghalkemm jammetti li kien ghaddej b'velocita` ftit aktar minn dik ta' 40 kilometru fis-siegha kif hemm indikat fis-senjaletika f'dik il-lokalita`, jghid li lil Brincat rah fuq l-i*stop sign* u stenna li jew ser

jistenna sa ma jghaddi hu (cioe` Cilia) jew inkella johrog u jibqa' ghaddej fuq il-*lane* ta' gewwa – Cilia kien fuq il-*lane* ta' barra. Clia jghid li l-habta grat ghax Brincat semplicement baqa' hiereg bla pre-avviz ghal fuq il-*lane* ta' barra.

Din il-Qorti tara li l-appellant ghandu ragun, u frankament ma setax ikun mod iehor hlief kif qed jghid l-appellant. Min ikun niezel ir-rampa in kwistjoni u jkun wasal biex jaqbad Triq Regjonali, ghandu vizwali tajba hafna mir-*rear view mirror* tal-genb tal-lemin, bhalma kellu Brincat, ta' kullma jkun gej minn wara u ghal distanza konsiderevoli. Jigifieri din il-Qorti ma tistax tifhem kif Brincat ma rax il-mutur gej – jew ma harisx sew, jew il-mera kienet angolata b'mod hazin, jew kien altrmenti aljenat. Kemm mill-iskizz tal-pulizija – li ma jurix xi *brake marks* partkolari tal-mutur – kif ukoll mill-hsara li sofrew iz-zewg vetturi u mill-fatt li Cilia mill-ewwel qam mill-art u ma jara kellux bzonn xi haga Brincat li kien ghadu fil-karozza, jidher car li l-velocita` li kien ghaddej biha Cilia ma kinitx xi wahda qawwija bhalma donnu jrid jaghti x'jifhem Brincat, anke jekk din setghet kienet ta' aktar minn 40 kfs. Fi kliem iehor, il-velocita` li biha kien qed jinstaq il-mutur ma kienitx kawza, la prossima u lanqas remota, tas-sinistru – dik il-velocita` b'ebda mod ma kkontribwit ghall-habta. L-unika raguni ghala l-vetturi habtu kien ghax Brincat, ghal xi raguni inspjegabbli, ma ndunax bil-mutur, hareg kwazi mill-ewwel fuq il-*lane* ta' barra bla pre-avviz u ostakola t-triq ghall-mutur li, anke li kieku kien qed jinstaq bl-40 kfs, kien xorta wahda jinvesti il-Hyundai ta' Brincat. Infatti id-dawl li ra Brincat mill-mera kien propju d-dawl tal-mutur li, bil-manuvra li hu ghamel, kien ga kwazi jmiss mal-karozza tieghu.

Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------